MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1223/2004

**Mifsud Joseph**

**Vs**

**Farrugia Daniel**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm436.60 (erba` mija sitta u tletin Lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh nhar l-4 ta' April 2004 gewwa l-Mosta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas lill-attur is-somma ta' Lm436.60 jew somma verjuri, rapprezentanti danni sofferti minn l-attur fl-incident stradali li sehh fl-4 ta' April 2004 f'Main Street, Mosta, meta l-konvenut b'imperizja, negligenza u nuqqas ta'

harsien tar-regolamenti baqa` diehel bil-vettura minnu misjuqa nru CBA 591, fil-vettura tal-attur nru DAM 695.

Bl-ispejjez u bl-imghax u b'hekk il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. It-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;
2. It-talba hi nfondata fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza;
3. It-tort huwa tal-attur u mhux tal-konvenut;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirrizulta illi saret habta bejn zewg vetturi li kienu qed jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin fit-Triq li tippermetti karreggjata wahda. Wiehed niezel mid-direzzjoni tan-Naxxar ghall-Mosta u l-iehor fid-direzzjoni tal-Mosta ghan-Naxxar.

Jirrizulta ukoll illi fuq iz-zewg nahat taghhom rispettivi, l-attur kellu wiehed ibiegh il-fjuri u fuq in-naha tal-konvenut kien hemm scafolder li qed jiehu l-bankina kollha. Ghalhekk jirrizulta illi z-zewg vetturi kellhom latitudni ta' bejn il-vettura u l-bankina ristrettissima jekk mhux totalment xejn, tant li meta gew fejn xulxin huwa ovvju li hakkew ma' xulxin.

F'kazijiet bhal dan, fejn ma jkunx hemm xhieda ta' terzi indipendenti ikun sintomatiku u anki mil-lat ta' ekwita illi r-responsabbilta` tigi addebitata ghaz-zewg partijiet.

Illi l-quantum tad-danni da parti ta' l-attur ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi ghalhekk billi r-responsabbilta` ghall-kollizjoni fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%) kull parti, jikkundanna lill-

konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tmintax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm 218.30), bl-ispejjes kull parti thallas hamsin fil-mija (50%) u bl-interessi sad-data tal-pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------